Sinjuri[1]

M'hemmx għalfejn ngħidilkom li l-ħasil tal-flus hija problema serja f'kull pajjiż żviluppat. Il-liġiżlaturi għarfu illi ma jistax ikun li persuna per eżempju tbigħ xi ħaġa illegali jew tkun imdaħħla f'xi kuntrabandu, umbad tmur tinvesti l-qligħ f'oġġetti ta' valur qisu xejn m'hu xejn u tgawdi l-qligħ illeċitu tagħha. Inutli niġġieldu kontra l-kriminalita jekk ma nattakkawx il-flus li dawn jiġġeneraw u nissikkaw ukoll lil min mhux involut direttament fil-kriminalita imma xorta jrendi servizzi lill-kriminali.

Nafu wkoll li f'dawn l-aħħar snin il-fenomenu ta' AML irranka sew lokalment. L-FIAU armat ruħha sew, u anke l-Pulizija. Grazzi għall-isforzi tagħkom, il-professjonisti (fost oħrajn) qiegħdin joqogħdu ħafn'aktar atteni li jiċċekkjaw is-sorsi tal-fondi. Nisimgħu mil-*media* dwar investigazzjonijiet tal-FIAU, każijiet il-Qorti, kumpilazzjonijiet, *freezing orders* u x'naf jien.

Dan huwa xogħol <u>siewi ħafna għas-soċjeta</u> imma wkoll xogħol diffiċli, għal ħafna raġunijiet u minix se ngħallimkom jien għaliex dawn id-diffikultajiet tesperjenzawhom kuljum. Huwa xogħol diffiċli, imma l-liġi ttikom poteri estensivi biex twettqu l-missjoni tagħkom. Allaħares mhux hekk, allaħares il-leġiżlatur ma tagħkomx l-għodda li għandkom bżonn biex twettqu dmirijietkom.

Imma dawn il-poteri li ngħatajtu, wkoll jippreżentaw diffikultajiet oħra. Aktar ma l-poteri huma estensivi, aktar jikber il-bżonn li dawn jintużaw b'mod raġjonevoli, u b'mod responsabbli. Il-problema ovvjament hija **kif** wieħed jagħmel l-aħjar użu minn din l-għodda –b'mod li minn naħa waħda tilħqu l-għan tal-missjoni tagħkom, imma min-naħħa l-oħra jibqa użu raġjonevoli u li ma jammontax b'xi mod għal-abbuż (anke jekk mhux intenzjonat).

Il-fatt li l-qasam ta' AML huwa ġdid u għadu qiegħed jiżviluppa, ifisser li kultant issibu ruħkom f'*unchartered waters.* Dan ma jagħmilx xogħolkom eħfef, anzi il-kontra.

Hawnhekk tidħol il-Fakulta tal-Liġi u l-kors li intkom dħaltu għalih, u temmejtu b'suċċess. Għamilna l-almu tagħna biex il-kors jingħata minn professjonisti ta' ċertu kalibru li huma wkoll *approachable,* li lesti jispjegaw u anke jirrispondu għad-domandi tagħkom. Il-ħsieb kien li nippruvaw ngħinukom tħaddmu l-għodda li tatkom il-liġi b'mod kemm raġjonevoli kif ukoll effettiv. Kien unur kbir għalina li tajtuna din l-opportunita', li l-Korp tal-Pulizija wriet tant fiduċja fil-Fakulta tal-Liġi fl-Universita ta' Malta illi batitkom għal dan il-kors. Perfetti m'aħniex, imma nispera li ma ddejjaqtux, li sibtu l-kors utli u ta' għajnuna fix-xogħol tagħkom.

[1] This speech was delivered by the Dean of the Faculty of Laws at a ceremony held in June 2022, for the members of the Police Force who sat for the Anti Money Laundering certificate course organised by the Faculty of Laws.

Nawguralkom mhux biss f'din l-okkażjoni sabiħa li tassew unur għalija li naqsam magħkom, imma anke fix-xogħol tagħkom tant delikat u tant siewi għas-soċjeta Maltija. Grazzi.